MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 73/2006

George Sultana, u
Philip sive Pinu Mercieca .

Vs

Direttur, Joint Office u ghal kull interess
Li jista' jkollu Joseph Bonello .

Il-Qorti ,
Rat ir-rikors ta' George Sultana u Philip Mercieca, li permezz tiegħu kkonfermaw bil-ġurament :

1. Illi l-esponenti George Sultana jiddetjeni porzjon art mir-raba msejjaħ 'Ix-Xagħri' jew 'Ix-Xaghra ta' Għajn Xejba' fil-limiti ta' Xagħra, Għawdex - preċiżament circa siegħ minn territorju akbar, tmiss minn nofsinhar ma' proprjeta' tiegħu stess, lvant u tramuntana mar-rimanenti porzjon minn dan it-territorju .

2. Illi l-esponenti George Sultana jiddetjeni dan ir-raba b'titolu ta' qbiela, peress illi ssuċċeda f'dawn id-drittijiet lokatizji wara l-mewt ta' missieru Franġisk, u fuqu iħallas qbiela ta' ħamsin ċenteżmu (50c) .

3. Illi da parti tiegħu, l-esponenti Philip sive Pinu Mercieca jiddetjeni circa nofs siegħ raba ieħor mill-istess territorju, konfinanti minn nofsinhar ma' beni oħra tiegħu, tramuntana u punent mar-rimanenti porzjon mill-istess territorju, u dan ukoll b'titolu ta' qbiela, u fuqu jħallas ħamsa u għoxrin ċenteżmu (25c) qbiela fis-sena ;

4. Illi din il-qbiela kienet titħallas qabel lil George Bonello u wara l-mewt ta' dan lil ibnu l-konvenut Joseph Bonello, illi kienu jagħmluha ta' gabillotti, ossia chief tenants, jiġbru l-qbiela mingħand l-esponenti, u flimkien mal-qbiela dovuta minnhom infushom jgħaddu lill-uffiċċju tal-Kurja ta' Għawdex, u aktar riċentement lill-Joint Office .

5. Illi l-esponenti saru jafu illi l-Joint Office rrikonoxxa lil Joseph Bonello bħala inkwilin tal-intier tat-territorju illi minnu r-raba mwelli lill-esponenti jifforma parti, u qegħdin jirrifjutaw illi jirrikonoxxu lill-esponenti bħala inkwilini tar-raba detenut minnhom rispettivament minkejja illi saru diversi interpellazzjonijiet għal dan il-għan .

6. Illi l-esponenti jridu illi jiġu hekk rikonoxxuti .

U għal hekk talbu lill-konvenuti jgħidu ghaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-esponenti George Sultana huwa inkwilin tas-siegħ raba diviż mit-territorju hawn fuq deskritt; mentri Philip Mercieca huwa inkwilin tan-nofs siegħ diviż mit-territorju hawn fuq deskritt ;

2. Konsegwentement tikkundanna lilek Direttur Joint Office sabiex tirrikonoxxihom bħala inkwilini tar-raba detenut minnhom kif fuq ingħad .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Gunju 2006 kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni lilli għaliha minn issa intom inġunti .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors, u ċioe' bħala dokument 'A' affidavit ta' George Sultana; bħala dokument 'B' affidavit ta' Philip sive Pinu Mercieca; u bħala dokument 'C' pjanta illi turi l-artijiet rispettivament detenuti bi qbiela mill-atturi .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti, illi ġew notifikati b'dan ir-rikors, fl-10 ta' Awissu, 2006 .

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Bonello ta' l-14 ta' Awissu, 2006, li permezz tagħha huwa ddikjara illi qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' bħala fatt jirrikonoxxi li l-atturi veru kienu ko-inkwilini sa mill-bidunett tal-kirja .

Innutat ukoll illi l-konvenut l-iehor direttur tal-Joint office baqa' kontumaċi .

Il-Qorti, għal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati, tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, u

1. Tiddikjara li -rikorrent George Sultana huwa inkwilin tas-siegħ raba diviż mit-territorju deskritt fl-istess Rikors, mentri Philip Mercieca huwa inkwilin tan-nofs siegħ diviż mit-territorju deskritt fl-istess Rikors ;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat Direttur Joint Office sabiex jirrikonoxxihom bħala inkwilini tar-raba detenut minnhom kif fuq ingħad .

Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kontra l-intimat Direttur Joint Office .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------